MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2012

Numru 996/2012

**Il-Pulizija**
(Spettur Kevin Pulis)

**vs.**

**Anglu Callus**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Anglu Callus, ta' tlieta u sittin (63) sena, iben Leonard u Liberata neé Balzan, imwieled Hal-Kirkop, nhar l-24 ta' Frar, 1949, residenti gewwa 'Villa Callus', Triq San Pietru, Kirkop u detentur tal-karta ta' l-identita' 223849(M), akkuzat talli

1. Fit-28 ta' Settembru, 2012 ghall-habta ta' 15:40hrs gewwa Triq Danny Cremona, Kirkop, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta ohra li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioé Gwardjan Lokali G 583 Mario Galea, filwaqt li kien qed jagixxi ghall esekuzzjoni

tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita kompetenti;

2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded u ghamel offiza fuq il-persuna ta’ Gwardjan Lokali G 583 Mario Galea, pesuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza’ jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. u aktar talli fl-istess data, lok u hin ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq Gwardjan Lokali G 583 Mario Galea u dan skont kif iccertifikat minn Dr. Chris Muscat MD Reg. 1493 minn Qormi Health Centre;

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna/i offizi, cioé lill-Gwardjan Lokali G 583 Mario Galea jew ghaz-zamma ta’ l-ordni pubblika jew ghall-iskop ta’ l-protezzjoni tal-persuna/i lezi minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-imputat skont kif jipprovdi l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni huma komprizi u nvoluti fl-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet ukoll lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li dak maghmul mill-imputat kien incident ta’ darba.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-imputat, il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, id-dikjararazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li dak maghmul mill-imputat kien incident ta' darba u d-dikjarazzjoni l-ohra tal-istess Ufficjal Prosekutur li t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet huma komprizi u nvoluti fl-ewwel (1) imputazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 95(1), 96, 221(1) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u filwaqt li, ghar-raba' imputazzjoni, tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin Euro (25.00), fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra, tikkundannah ghal perijodu ta' erba' (4) xhur prigunerija li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal sena.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkometti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------